# IL-PITTUR STEFANO ERARDI
## (Seklu XVII)

*mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

Pittur ieħor tas-Seklu Sbatax li għamel ġieħ lil Malta, huwa l-Pittur Stefano Erardi. Huwa beda l-istudji tiegħu f'Ruma. Għalkemm ma aħniex ċerti sa l-aħħar taħt liema għalliema studja, xi wħud iżommu li għamel l-istudju tiegħu taħt il-Guercino. Il-Pittur Stefano Erardi kien ammiratur kbir ta' Raffaello u min jaf jifli u josserva l-opri ta' Erardi għandu jintebaħ li hu mexa ħafna fuq il-linji sodi tal-pittur Ruman Raffaello Sanzio (1483-1520)

Meta Stefano Erardi spiċċa mill-istudji tiegħu f'Ruma, reġa lura lejn art twelidu, Malta. Ġo Malta, Erardi beda juri l-iżviluppi tas-sengħa tiegħu meta mqabbla ma' xogħolijiet li huwa għamel ġewwa Ruma. Ix-xogħol tiegħu dritt beda jintogħġob u jaqla' l-ogħla tifħir, tant li l-Gvern ta' l-Ordni ta' San Ġwann beda jagħtih kummissjonijiet ta' pittura.

Il-Prokuraturi tal-Knejjes u nies oħra ordnaw pittura biex iżejjnu l-knejjes u d-djar tagħhom. Artisti oħra kienu jgħidu għal Stefano Erardi li kien iħabbatha ma' pittur ieħor Malti, il-magħruf Giuseppe d'Arena mlaqqam ir-Ruman.

Fost ix-xogħolijiet il-kbar ta' Stefano Erardi nsibu l-*Adorazzjoni tal-Maġi* kwadru titulari fil-Kappella ta' Alemagna (Ġermanja) fil-Kon-Kattidrall ta' San Ġwann. F'żewġ lunetti ta' din il-Kappella nsibu x-xena tat-Twelid ta' Ġesu' u l-Istraġi tat-Tfal Innoċenti.

Fil-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat (Malta) nsibu l-kwadru titulari, opra l-iktar sabiħa li Stefano Erardi pitter fl-1678. Dan il-Pittur juri wkoll fil-pittura tiegħu s-sengħa tal-ġmiel fil-"Puttini". Hekk li nsibu kwadru ta' l-Assunta, mżejjen bi ġmiel ta' puttini, kwadru li jinsab fl-Oratorju ta' l-Onorati fil-Knisja ta' Ġesu' fil-Belt Valletta.

Xogħolijiet oħra ta' Stefano Erardi huma l-kwadri ta' San Martin, fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, tal-Belt Valletta, il-Kwadru tal-Qawmien fil-Knisja tal-Griegi, il-Belt, l-Addollorata, fil-Knisja tal-Madonna tal-Pilar, fil-Belt, Kristu Mejjet fil-Kolleġġjata Matriċi ta' San Lawrenz fil-Birgu, San Stiefnu fil-Parroċċa tal-Qrendi, il-Madonna ta' l-Abbandunati, il-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, Santa Katerina fil-Kolleġġjata bażilika ta' l-Isla, San Bastjan u l-Madonna tal-Konsolazzjoni fir-Rotunda tal-Mosta, il-Madonna fis-Seminarju ta' l-Imdina. Fil-Mużew Nazzjonali, fil-Belt Valletta nsibu nsibu dawn il-Kwadri: San Karlo Borromeo, Sant Anna, San Ġorġ, il-Viżitazzjoni. Fil-Konkattidral ta' San Ġwann insibu ukoll disa' qaddisin Gerosolomitani.

F'Għawdex insibu l-Kwadru tal-Madonna tal-Grazzja fis-santwarju tagħha, mħares mill-Patrijiet Kappuċċini. Dan il-kwadru antik tpitter ftit wara t-Terrimot il-Kbir tal-10-11 ta' Jannar 1693 u kien ġie mħallas mill-Kleru tal-Parroċċi tar-Rabat ta' Għawdex.

Il-Kwadru l-ieħor ta' Stefani Erardi li jinsab iżejjen il-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ, huwa dak ta' l-Appostlu San Pawl. Il-Qaddis jidher għarkobbtejh, filwaqt li fil-fond tal-kwadru jidher il-bastiment jitħabat mal-imwieġ. Fuq insibu x-xbieħa ta' Marija Immakulata. Dan il-Kwadru tpitter fis-sena 1679 fi żmien il-Kappillan ta' San Ġorġ Dr. Pawlu Lamagna.